MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 865/2003

**Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Joseph Friggieri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fi-30 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u sittin lira maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm863.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 0147 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur ta' bejn Lulju 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra uffijcali tat-28 ta' Frar, 2003, dawk tal-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat

kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tlieta u sittin lira maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm 863.68), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta’ Frar 2003 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------